MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 586/2007

Avukat Dottor David **TONNA** bħala prokuratur speċjali għan-nom u in rappreżentanza tas-Soċjeta' estera ***Nike International Limited***

vs

Avukat Dottor Richard **SLADDEN** u l-P.L. Victor Buġeja li b'Degriet tad-9 ta' Awissu, 2007, ġew nominati Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw lis-soċjeta' EURL Saim Noureddine Bordj Bou Arreridj

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fil-25 ta' Mejju, 2007, li bih ir-rikorrent *nomine* ippremetta;

1. Illi s-soċjeta' rikorrenti Nike International Limited ta' 1, Bowerman Drive, Beaverton, Oregon, 97005-6453, tal-Istati Uniti tal-Amerika hija proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markju "*NIKE*", u l-markju distintiv magħruf

bħala "*Swoosh Design*", liema markji huma wżati minn din is-soċjeta' fuq diversi prodotti manifatturati minnha bħal abbiljamenti tal-ħwejjeġ, żraben sportivi, sandlijiet, brieret u prodotti oħra, u dan skond kif jidher mid-Dokumenti "A", "B", "Ċ", u "D";

2. Illi s-soċjeta' rikorrenti hija detentriċi tad-dritt ta' proprjeta' industrijali tal-istess markji "*NIKE*" u "*Swoosh Design*" fil-komplessita' tagħhom irreġistrati f'Malta taħt *Trademark No.* 17123 (kif muri f'Dok "A") u *Trademark No.* 17125 (kif muri f'Dok "B"), kif ukoll minħabba l-fatt illi s-soċjeta' rikorrenti għandha d-drittijiet tal-awtur fuq id-disinn jew xogħol artistiku "*Swoosh Design*" u dana kollu ai termini tal-Artiklu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Miżuri Intrakonfini), KAP 414 tal-Liġijiet ta' Malta, liema markju "*Swoosh Design*" huwa wkoll irreġistrat bħala *Trademark* Komunitarja mal-"*Office for Harmonization in the Internal Market*" tal-Unjoni Ewropeja (ibbażat f'Alicante, Spanja) taħt Numru 000277632 ("*Swoosh Design" – "outline form*") (kif muri f'Dok "Ċ") u Numru 000277517 ("*Swoosh Design*" – "*solid form*") (kif muri f'Dok "D");

3. Illi jirriżulta li fis-26 ta' April, 2007, iddaħħlet ġewwa Malta fuq il-vapur MV "CMA-CGM PUCCINI", u/jew ġiet importata temporanjament u/jew tqiegħdet ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles, konsenja ta' sadlijiet li jġibu l-markju distintiv "*Swoosh Design*" fuq imsemmija, liema konsenja tikkonsisti f'għaxart elef u tmin mitt (10,800) par sandlijiet b'*Container* Numru ECMU4608300 u li ma humiex ġenwini, u dan bi ksur tal-projbizzjoni tal-Artiklu 4 tal-KAP. 414;

4. Illi mill-Polza ta' Kargu Numru SZH1328225 jirriżulta li l-konsenjatarji tas-sandlijiet in kwistjoni huma ndikati bħala EURL Saim Noureddine Bordj Bou Arreridj, mentri d-dettalji tax-*Shipper* huma ndikati bħala Globe Marketing and Trading Ltd.;

5. Illi d-dħul ġewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ri-esportazzjoni għal ċirkolazzjoni ħielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqegħid ġewwa żona

ħielsa jew maħżen ħieles ta' oġġetti li jikkontravvjenu dritt dwar il-proprjeta' intellettwali huwa projbit skond l-Artiklu 4 ta' l-istess Kap. 414 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Illi dawn is-sandlijiet in kwistjoni jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-soċjeta' rikorrenti, skond l-Artiklu 2(1)(a)(i), (ii) u (iii), tal-KAP. 414, li favur tagħha huwa reġistrat il-markju distintiv magħruf bħala "*Swoosh Design*", u jikkontravvjenu wkoll id-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-soċjeta' rikorrenti skond l-artikolu 2(1)(b) tal-istess Kap 414, kif ukoll jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-soċjeta' rikorrenti skond l-artikolu 2(1)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju, 2003, li tirrigwarda l-azzjonijiet li tieħu d-Dwana kontra prodotti li huma sospettati li jikkontravvjenu ċerti drittijiet ta' proprjeta' intellettwali u l-miżuri li jridu jittieħdu kontra prodotti li jinstabu li jikkontravvjenu l-imsemmija drittijiet, u dan kollu kif ben spjegat mill-analiżi li għamlet rappreżentanta tas-soċjeta' estera Nike Italy Srl għas-soċjeta' rikorrenti (ara rapport ta' analiżi mmarkat bħala Dok. "E");

7. Illi din il-konsenja ta' sandlijiet bħalissa tinsab miżmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taħt il-provvedimenti tal-Kap. 414 wara l-applikazzjoni bil-miktub li għamlet is-soċjeta' rikorrenti lill-istess Kontrollur wara li ġew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista' jiddeċiedi dwar il-każ (ara kopja tal-applikazzjoni mmarkata bħala Dok "Ħ");

8. Illi huwa prinċipju ben stabbilit fit-Trattat tal-Komunita' Ewropeja u fil-każistika tal-'European Court of Justice' illi r-Regolamenti maħruġa mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropeja għandhom effett dirett ġewwa l-pajjiżi Membri tal-Unjoni Ewropejau għaldaqstant il-provvedimenti legali tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju, 2003, u tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta' Diċembru, 1993 fuq it-*Trademark* Komunitarja għandhom jiġu nvokati direttament mill-Qrati Maltin fil-kwistjonijiet u l-kawżi li jkunu qed jiġu trattati quddiemhom;

9. Illi l-artikolu 9 tal-Avviż Legali Numru 233 tal-2003 intitolat "Regoli ta' l-2003 dwar it-*Trademark* Komunitarja" jistipula illi għall-finijiet ta' l-artikolu 91 tal-imsemmi Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94, il-Qrati Maltin li jistgħu jittrattaw dwar *Trademarks* Komunitarji huma l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti tal-Appell;

10. Illi l-Avukat Dr. David Tonna *nomine* jiddikjara illi l-fatti suesposti jafhom in parti personalment u in parti minn informazzjoni li ingħatatlu mill-Kontrollur tad-Dwana u mill-mandanti tiegħu;

Għaldaqstant, ir-rikorrent *nomine* jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-sandlijiet in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li għamlet is-soċjeta' rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oġġetti falsifikati u/jew oġġetti mdaħħla b'piraterija (skond l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap. 414);

2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi d-dħul ġewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqegħid ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles ta' din il-konsenja ta' sandlijiet, li tikkonsisti f'għaxart elef u tmin mitt (10,800) par da parti tas-soċjeta' intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li għamlet is-soċjeta' rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta' intellettwali tas-soċjeta' rikorrenti in kwantu ma humiex ġenwini, skond l-Artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-KAP. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Miżuri Intrakonfini)) u għaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-istess KAP. 414 fil-konfront tat-*Trademark* reġistrat bin-Numru 17125 fir-Reġistru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-soċjeta' rikorrenti għandha fuq ix-xogħol artistiku tagħha "***Swoosh Design***";

3. Tiddikjara u tiddeċiedi illi d-dħul ġewwa Malta, l-importazzjoni temporaneja u/jew tqegħid ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles ta' din l-imsemmija konsenja ta' żraben sportivi u arloġġi tikkostitwixxi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC)

Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju, 2003, u dan fil-konfront tat-*Trademark* reġistrati f’isem is-soċjeta’ rikorrenti bin-numru 17125 fir-Reġistru tal-Markji ta’ Malta, u/jew fil-konfront tar-reġistrazzjonijiet tat-*Trademarks* Komunitarji Numru 000277632 (“*Swoosh Design*” – “*outline form*”) u Numru 000277517 (“*Swoosh Design*” – “*solid form*”) reġistrati f’isem is-soċjeta’ rikorrenti (dan kollu skond il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta’ Diċembru, 1993, fuq it-*Trademark* Komunitarja tal-Unjoni Ewropeja), u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-soċjeta’ rikorrenti għandha fuq ix-xogħol artistiku tagħha “*Swoosh Design*”;

4. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-soċjeta’ rikorrenti a bażi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruġġu ż-żraben sportivi u arloġġi in kwistjoni mingħajr ebda kumpens lil, u għas-spejjeż tas-soċjeta’ intimata skond l-Artiklu 8 tal-KAP. 414;

5. Tordna kull rimedju ieħor li tista’ skond it-termini ta’ l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intelletwali (Miżuri Intrakonfini) – KAP. 414 tal-Liġijiet ta’ Malta u/jew skond it-termini tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju, 2003, fil-konfront tas-soċjeta’ rikorrenti;

6. Tordna lis-soċjeta’ intimata sabiex tħallas l-ispejjeż kollha fir-rigward tat-trasport, tal-ħażna, tad-distruzzjoni taż-żraben sportivi u arloġġi in kwestjoni, u tal-ispejjeż tal-uffiċjali tad-Dwana skond it-termini tal-KAP. 414;

Bl-ispejjeż, kontra s-soċjeta’ intimata li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata mressqa fit-12 ta’ Ottubru, 2007, li biha l-Kuraturi Deputati eċċepew;

1. Illi preliminarjament, l-esponenti m’humiex edotti mill-fatti tal-każ u jirriservaw li jipprovdu r-risposti tagħhom fid-dettall fi stadju ulterjuri, meta jikkomunikaw mal-assenti konvenuta;

2. Illi għal dan l-iskop kitbu lill-avukat tas-soċjeta' attriċi sabiex jingħataw kull informazzjoni inkluż indirizz tas-soċjeta' konvenuta;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, irid jiġi ppruvat li l-affarijiet kollha indikati fir-rikors ġuramentat huma falsifikati u/jew jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta' intellettwali tas-soċjeta' attriċi;

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat ix-xhieda tar-rikorrent *nomine*;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet id-dikjarazzjonijiet magħmulin mill-Avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-lum li bih iddikjaraw li ma kellhomx provi oħra xi jressqu;

Rat id-Degriet tagħha tal-lum li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi b'din il-kawża, il-kumpannija rikorrenti qiegħda titlob li jiġi dikjarat li kunsinna ta' sandlijiet (aktar 'il quddiem imsejħa "il-merkanzija") li ddaħħlet fil-Port Ħieles ta' Malta fis-26 ta' April, 2007, abbord il-bastiment *MV CMA-CGM PUCCINI* kienet falza u għalhekk qiegħda titlob il-qerda tagħha, billi din il-merkanzija tikser il-jeddijiet intellettwali tagħha;

Illi, min-naħa tagħhom, il-Kuraturi Deputati mħarrkin qegħdin jgħidu li ma jistgħux imieru lill-kumpannija rikorrenti għaliex ma jafu xejn fuq il-fatti, u dan minkejja kull tentativ li ippruvaw biex jieħdu l-fehma jew id-direttivi tal-kostitwenti tagħhom;

Illi l-azzjoni tar-rikorrenti tinbena fuq dak li tipprovdi l-liġi fl-Att tal-2000 dwar id-Drittijiet ta' Proprjeta' Intellettwali

(Miżuri Intrakonfini)[1] (Kapitolu 414 tal-Liġijiet ta' Malta), b'mod partikolari l-artikolu 8 tal-istess Att;

Illi mill-provi mressqa mir-rikorrent *nomine* jirriżulta li sa minn Frar ta' l-1986, prodotti magħmulin mill-kumpannija rikorrenti bħal dawk li jagħmlu parti mill-merkanzija, kienu reġistrati mal-Kontrollur tal-Proprjeta' Industrijali f'Malta[2] bħala marka kummerċjali (*trademark*), u għalhekk imħarsa mid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 29 tal-Liġijiet ta' Malta (illum il-Kapitolu 416 tal-Liġijiet ta' Malta). It-titolari tal-jedd imħares hija l-kumpannija attriċi barranija. Bl-istess mod, l-imsemmija marka kummerċjali dwar id-disinn "*Swoosh*", kemm fis-sura mimlija tiegħu u kif ukoll fis-sura bordurata, jinsabu reġistrati wkoll favur il-kumpannija attriċi barranija mal-uffiċċji komunitarji kompetenti[3];

Illi jirriżulta[4] li nhar il-Ħamis, 26 ta' April, 2007, il-bastiment *MV CMA-CGM PUCCINI* daħal fil-Port Ħieles ta' Marsaxlokk, mgħobbi b'għadd ta' *containers*. Wieħed minn dawn il-*containers* (numru ECMU 4608300) kellu dikjarazzjoni li l-konsenja kienet ta' tmien mija u tmien (808) kaxxi żraben. Din kienet magħmula fuq il-polza ta' tagħbija[5], li kienet tgħid li l-kumpannija mħarrka kienet il-kunsinnatarja tal-merkanzija mertu tal-każ. Il-bastiment kien salpa minn port fiċ-Ċina, b'sistema ta' ġarr bi trasbord;

Illi l-għada tad-dħul f'Malta tal-imsemmi *container*, sewwasew fis-27 ta' April, 2007, id-dipartiment tad-Dwana qegħditu taħt stħarriġ magħruf bħala *risk analysis*. Meta nfetaħ, instab li fuq quddiem kien hemm fillieri li l-kontenut tagħhom kien juri li kien hemm kunsinna ta' sandlijiet li tat 'il min jifhem li setgħet kienet falza. Ittieħdet id-deċiżjoni li l-*container* jinġarr lejn Newport fil-Marsa biex hemmhekk jinħatt kollu u l-kontenut jinfela b'aktar reqqa. Intrefa' kampjun li ntbagħat lir-rappreżentanti tal-kumpannija attriċi f'Malta u l-*container* raġa' ġie siġillat u ttieħed f'maħżen tad-Dwana;

---

[1] Kap 414 tal-Liġijiet ta' Malta
[2] Marki numri 17123 u 17125 Dokti "A" u "B", f'paġġ. 9 u 10 tal-proċess
[3] Numri 277632 u 277517, Dokti "Ċ" u "D", f'paġġ. 11-9 tal-proċess
[4] Affidavit ta' George Aġius 3.10.2007, Dok "GA1", f'paġġ. 67-8 tal-proċess
[5] SZ1328225

Illi d-Dipartiment kiteb minnufih lir-rikorrent *nomine* biex jgħarrfu bis-sejba. Ir-rikorrent *nomine* talab lill-Kontrollur tad-Dwana jżomm ir-rilaxx tal-imsemmi *container*[6]**.** Il-Kontrollur laqa' t-talba wara li ntwera d-dokumentazzjoni meħtieġa mill-kumpannija rikorrenti dwar il-jeddijiet tagħha u l-interess tagħha li tressaq l-ilment dwar il-merkanzija mniżżla l-art;

Illi, minbarra dan, ir-rikorrent *nomine* bagħat kampjonarju mill-merkanzija milli kienu fl-imsemmi *container* lil-laboratorji tal-kumpannija attriċi, biex teżaminahom. Din bagħtet rapport lir-rikorrent *nomine* ftit jiem wara[7]**.** Minn dan ir-rapport joħroġ li l-merkanzija kienet falza u ma taqbilx mal-i*standards* tal-prodotti ġenwini magħmulin mill-kumpannija attriċi barranija;

Illi l-kumpannija rikorrenti fetħet din il-kawża fil-25 ta' Mejju, 2007, u jirriżulta li l-kontenut tal-*container* għadu miżmum taħt is-setgħat tal-Kontrollur tad-Dwana;

Illi l-kumpannija mħarrka ma meriet xejn mill-provi mressqa mill-kumpannija rikorrenti. Il-Qorti tifhem li kien il-Kontrollur tad-Dwana nnifsu li għarraf lill-kumpannija attriċi bl-isem tal-kumpannija mħarrka. Il-Kuraturi maħtura biex jidhru għaliha ma ngħataw l-ebda tagħrif dwar x'kellhom jagħmlu dwar ix-xiljiet imressqa mill-kumpannija rikorrenti;

Illi għar-rigward tat-tielet eċċezzjoni mqanqla mill-Kuraturi Deputati, l-Qorti tqis li huwa minnu li r-regola hi li min jallega jrid iġib il-prova ta' dak li jallega[8]. Issa, billi f'każ bħal dan, ikun sar aċċertament mill-Awtoritajiet lokali kompetenti li l-oġġetti li jkun fil-"container" ikunu ta' kwalita' suspetta, jiġri li l-piż tal-prova li dawk l-oġġetti m'humiex foloz jew m'humiex kollha foloz jaqa' fuq min hekk jallega;

[6] Dok "Ħ", f'paġ. 28 tal-proċess
[7] Dok "E" datat 14 ta' Mejju, 2007, f'paġġ. 20 tal-proċess
[8] Art. 562 tal-Kap. 12

Illi, f'dan ir-rigward, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh in-natura partikolari tal-proċedura li taħtha tressqet din il-kawża. Din il-partikolarita' toħroġ ukoll mid-diżpożizzjonijiet speċjali tal-Liġi li tirregolaha. Dik il-liġi tippreżumi li l-oġġetti misjuba bħala ta' kwalita' suspetta huma hekk fil-fatt. Dik il-preżunzjoni tibqa' sakemm ma titwaqqax. Biex ma jsirx abbuż minn dik il-preżunzjoni, l-Liġi tipprovdi għal rimedji lill-ispedittriċi jew lill-konsenjatarja li tkun trid tikkontesta d-deċiżjoni tal-Kontrollur tad-Dwana li jżomm il-merkanzija[9];

Illi l-prova ma ssirx biss bil-ħatra ta' periti tekniċi. Dik hija biss waħda mill-għamliet li bihom jistgħu jiġu stabbiliti l-fatti tal-kawża. Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum, il-Kuraturi Deputati ngħataw l-opportunita' li jirregolaw irwieħhom kif jidhrilhom xieraq dwar il-mod li jressqu l-provi. Iżda din il-Qorti, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li għadha kemm għamlet, ma kenitx lesta li tgħabbi lir-rikorrenti wkoll bl-ispejjeż ta' perizja, biex imbagħad id-ditta intimata tonqos li tressaq xi forma ta' prova jew li, jekk ikun il-każ, tiggarantixxi li l-ispejjeż minfuqa tagħmel tajjeb għalihom;

Illi għalhekk, it-tielet eċċezzjoni tal-kuraturi deputati ma tistax tintlaqa';

Illi meta jitqiesu l-fatti fuq imsemmija ma' dak li tipprovdi l-liġi, jinstiltu l-konklużjonijiet li ġejjin:

a. il-kumpannija rikorrenti hija detentriċi ta' dritt li għalih japplika l-Att VIII tal-2000, u dan kif imfisser fl-artikolu 2 tiegħu, u kif ukoll tal-jeddijiet imħarsin taħt id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Kunsill 40 tal-1994 u 1383 tal-2003;

b. illi l-merkanzija mniżżla l-art f'Malta ma kellhiex marka li saret bil-kunsens tal-kumpannija rikorrenti u lanqas jidher li ġiet manufatturata bil-kunsens tagħha, u dan għall-finijiet tal-artikolu 3 tal-imsemmi Att;

[9] Art. 10, Kap. 414

c. li d-dħul tal-imsemmija merkanzija, imqar jekk fl-ambitu tal-Port Ħieles, huwa projbit, ladarba jikser il-jeddijiet tal-kumpannija rikorrenti;

d. jidher li l-kumpannija rikorrenti wettqet ukoll l-obbligi tagħha dwar tagħrif mogħti lill-awtoritajiet kompetenti f'Malta għall-finijiet tal-artikolu 5 tal-Att;

e. illi l-kampjun mogħti lill-kumpannija rikorrenti u minnha mibgħuta barra minn Malta għall-eżamijiet meħtieġa huwa proċess maħsub mil-liġi[10] u kien ta' għajnuna kbira biex il-kumpannija rikorrenti setgħet bdiet il-proċeduri xierqa fl-iqsar żmien, u biex jiġi determinat li s-sandlijiet kienu tassew foloz;

f. it-talba tal-kumpannija rikorrenti biex il-konsenja ta' merkanzija in kwestjoni tiġi meqruda hija waħda mill-effetti li l-liġi[11] taħseb għalihom dwar id-dħul f'Malta ta' ħwejjeġ falsifikati li jiksru l-jeddijiet ta' proprjeta' intellettwali ta' xi persuna, kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att; u

g. il-falsita' tal-imsemmija merkanzija tinsab ippruvata fi grad tekniku biżżejjed, u ammissibbli fil-liġi, li l-Qorti ma tħossx il-ħtieġa li taħtar espert biex jagħmel kostatazzjonijiet oħrajn;

Illi għalhekk il-Qorti ssib li ir-rikorrent *nomine* wera tajjeb biżżejjed li l-kumpannija rikorrenti kellha raġun temmen li l-merkanzija li ddaħħlet f'Malta fis-26 ta' April, 2007, kienet tikser il-jeddijiet intellettwali tagħha kif imħarsin minn qabel mill-awtoritajiet Maltin u kif ukoll minn dawk komunitarji kompetenti, u li l-ħelsien tagħhom mill-Kontrollur tad-Dwana jkun ifisser telf finanzjarju kbir li ma jkunx ħafif għaliha li tagħmel tajjeb għalih jekk mhux biż-żamma għal dejjem tagħhom jew bil-qerda tagħhom, ukoll jekk kien maħsub li l-aħħar destinazzjoni kienet sejra tkun f'pajjiż ieħor barra minn Malta;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

[10] Art. 7(3) tal-Kap 414
[11] Art. 8(1)(a) tal-Kap 414

Filwaqt li **tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrkin Kuraturi Deputati;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-kunsinna ta' merkanzija msemmija fil-premessi tar-Rikors maħluf imniżżla l-art fil-Port Ħieles ta' Marsaxlokk minn fuq il-bastiment *CMA-CGM PUCCINI* ġo *container* bin-numru ECMU 4608300 fis-26 ta' April, 2007, kienet falza għall-finijiet u effetti kollha tal-Att VIII tal-2000;

**Tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet attriċi** u tiddikjara li l-manufattura u l-produzzjoni u d-dħul f'Malta tal-imsemmija merkanzija jiksru l-jeddijiet tal-kumpannija rikorrenti bħala s-sid reġistrat tal-marka Nike u l-markju "*Swoosh Design*" li jifformaw parti mit-*Trademark* 17125 kif reġistrata fir-Reġistru tal-Markji ta' Malta u b'hekk magħrufa taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 416 tal-Liġijiet ta' Malta, u kif ukoll bin-numri 277632 u 277517 mal-uffiċċju tal-OHIM; u tiddikjara wkoll li d-dħul f'Malta tal-imsemmija konsenja ta' merkanzija falza jikkostitwixxi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 414 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Tilqa' r-raba' u l-ħames talbiet attriċi** u tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jipproċedi għall-prattiki kollha meħtieġa, inklużi l-għoti minnu ta' kull direttiva lilu mogħtija b'setgħa mil-liġi, għall-qerda tal-merkanzija kollha fuq imsemmija, u dan sa mhux aktar tard minn xahar kalendarju minn dak inhar li jiġi notifikat, a kariku tal-kumpannija rikorrenti, b'kopja awtentikata ta' din is-sentenza;

**Tilqa' s-sitt talba attriċi** u tikkundanna lill-kumpannija intimata biex tħallas l-ispejjeż kollha marbuta mal-ġarr u l-ħażna tal-imsemmija merkanzija mid-Dipartiment tad-Dwana;

**Tordna** li sa mhux iżjed tard minn ħmistax-il (15) jum tax-xogħol minn dak inhar li l-ordni tal-Qorti għall-qerda ta' dawn l-oġġetti titwettaq, il-Kontrollur tad-Dwana jdaħħal Nota fl-atti ta' din il-kawża li biha jgħarraf lill-Qorti bl-eżekuzzjoni tal-ordni tal-qerda mogħtija b'din is-sentenza,

jew, fin-nuqqas, ir-raġunijiet għaliex l-ordni ma tkunx twettqet; u

**Tikkundanna** lill-kumpannija mħarrka tħallas l-ispejjeż tal-kawża b'dan li d-drittijiet tal-Kuraturi Deputati *nomine* jitħallsu provviżorjament mir-rikorrent *nomine.*

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------